MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Numru. 264/2001

PULIZIJA
SPETTUR NEIL HARRISON
SPETTUR NORBERT CIAPPARA
VS
SIMON XUEREB

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Simon Xuereb, ta’ 25 sena, bin Philip u Rosaria nee’ Cauchi, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ Settembru 1975, u li joqghod ‘Sage’, Triq Luigi Fontana, Zebbug, Malta, detentur tal-karta tal-identita’ numru 516875(M), u akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-23 t’April 2001, u fl-ahhar xhur qabel din id-data:

a) assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina (kokajina) f’dawn il-Gzejjer kontra id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzui, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew li

ppromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni.
b) Importa, jew gieghel li tigi mportata jew ghamlu xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta, hlief skond id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta
c) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/I, jew ghall-persuna/I, minghajr ma' kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma' kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontrol tal-Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi skur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta
d) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N292/1939), kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li

juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, zieda awtorizzat b'digriet tas-7 ta' Mejju 2001.
e) Talli sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Marzu 1997.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tas-26 t'April 2001.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tal-21 ta' Mejju 2004 (fol 762).

Rat id-decizjoni tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Mejju 2004.

Rat in-nota konguntiva tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-imputat ipprezentata fit-2 ta' Dicembru 2004 fejn gie dikjarat illi wara li ttiehed kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, qablu illi l-piena ta' disa' snin prigunerija u multa ta' Lm10,000 (apparti l-konsegwenzi l-ohra tal-piena skond il-ligi), kienet piena adegwata ghall-htija tal-istess akkuzat (ara fol 771 u 772).

Rat il-verbal tal-1 ta' Marzu 2005, fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti u kkonferma tali ammissjoni, wara li nghata l-opportunita' li jikkonsidra d-dikjarazzjoni ta' htija.

Rat il-verbal tad-9 ta' Marzu 2005 fejn il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma ghandha xejn x'taggungi man-nota konguntiva dokument NHSX.

Rat il-verbal tal-imputat tal-istess 9 ta' Marzu 2005, fejn aderixxa ruhu mal-istess nota konguntiva, dokument NHSX.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti, in vista tal-ammissjoni tal-imputat, issib lill-istess imputat hati skond l-akkuza. Illi ghar-rigward tal-piena, l-Qorti ghandha quddiemha nota konguntiva tal-imputat u tal-Kummissarju tal-Pulizija, fejn l-imputat u l-Kummissarju tal-Pulizija qablu illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena f’dan il-kaz ghandha tkun ta’ disa’ snin prigunerija, u ghaxart elef Lira (Lm10,000) multa.

Illi wara li giet prezentata n-nota konguntiva, liema nota konguntiva giet konfermata mill-Ufficcjal Prosekutur u mid-Difiza, fil-verbal tad-9 ta’ Marzu 2005, id-Difiza fit-trattazzjoni talbet lill-Qorti tbiddel is-sustanza izda mhux l-ispirtu tal-piena miftehma, billi tnaqqas is-snin ta’ prigunerija u tawmenta l-multa nflitta (ara trattazzjoni a fol 787).

Il-Prosekuzzjoni opponiet ghal tali bdil b’mod l-aktar vociferu.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti in vista ta’ suespost, fliet bir-reqqa Artiklu 392A(5), li testendi l-applikazzjoni tal-Artiklu 453A ghal proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn jintalab il-pattegjament.

Illi in oltre din il-Qorti fliet bir-reqqa dawk il-“guidelines” li gew sottolinejati mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Imhallef Dr J. Galea Debono, fil-kawza Il-Pulizija Spettur A.Miruzzi vs Omissis Jason Spagnol tas-6 ta’ Jannar 2005.

Illi mid-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 392A u 453A, huwa car li l-Ligi tahseb ghal istanzi, fejn il-Qorti, minkejja ftehim bejn l-Avukat Generali u l-imputat fuq piena, tista’ ma taqbilx ma’ tali piena, u fejn allura addirittura ghandha tichad it-talba ta’ pattegjament.

Infatti, il-Ligi taht Artiklu 453(2), taghti c-cirkostanzi fejn din il-Qorti tista’ tichad addirittura t-talba ghal pattegjament u cioe’:

(1) meta jkun hemm raguni tajba biex wiehed jiddubita jekk ir-reat in genere “kienx tassew maghmul”;
(2) hemm raguni tajba biex wiehed jiddubita jekk “l-akkuzat hux hati ta’ reat”.

Illi Artiklu 453A u precisat fis-sub-inciz (3)(4)(5), jaghti c-cirkostanzi jew parametri kollha li fihom il-Qorti hija libera li taghmel varjazzjonijiet zghar fil-piena li giet miftehma mill-partijiet:

Dawn il-parametri huma s-segwenti:

1. Fejn gie miftiehem li tinghata “suspended sentence”, il-Qorti mhix impedita milli taghti “suspended sentence supervision order”, jew ordni ta’ restituzzjoni jew kumpens (ara Artiklu 453(3)),
2. Fejn il-partijiet jiftehmu dwar piena taht att dwar il-probation, il-Qorti tista’ taghmel ordni taht Artiklu 11 tal-istess att, u cioe’ “community service order” (ara Artiklu 453(4)),
3. Fejn tinghata sentenza wara pattegjament, ma tolqotx kwistjonijiet imsemmija fl-Artiklu 25(3)(a) dwar il-probation:
(a) dritt li jappella
(b) radd lura ta’ propjeta’ bhala konsegwenza ta’ decizjoni (ara Artiklu 453(5)).

Illi din il-Qorti tibda’ biex tippreciza illi f’ebda stadju ta’ proceduri ma kien hemm xi raguni valida li wasslet lill-Qorti li tiddubita jekk kemm-il darba dan ir-reat issussista, xi dubju jew dubji ohra mahsuba taht l-Artiklu 453(2) tal-Kap 9. Tant hu hekk illi din il-Qorti fl-ebda mument ma tat xi hjiel lill-partijiet fil-kawza, li hija kienet ser tichad it-talba ta’ pattegjament li kienet qed tigi negozjata.

Illi prekluz cahda tal-Qorti ghal pattegjament ai termini tal-Artiklu 453(2), din il-Qorti tifhem illi tiskatta l-operazzjoni tas-subinciz 453A(2) fejn Qorti **hi marbuta li tirrispetta u tapplika l-piena miftehma bejn il-partijiet.**

L-uniku eccezzjoni ghal l-applikazzjoni stretta ta’ piena miftehma hija s-“saving provision”: “Jekk il-Qorti tkun

sodisfatta" li s-sanzjoni jew il-mizuri miftehma kienu legittimi li jigu nflitti mas-sejbien ta' htija ghar-reati ammessi mill-imputat.

Illi fl-umli opinjoni tal-Qorti, tali "saving provision" ghandha tigi applikata biss f'cirkostanzi **rari u eccezzjonali**. Pero' anke f'dak il-kaz, il-Qorti tista' biss tichad it-talba ta' pattegjament u **mhux tbiddel il-piena**. In fatti, f'tali kaz, kif ukoll f'kazijiet kontemplati fl-Artiklu 453(2), il-Qorti tista' biss tichad it-talba u tordna l-prosegwiment tal-kawza, hlief ghal varjazzjoni zghira, ga mahsuba fl-Artiklu 453(3)(4)(5), u li din il-Qorti ga ndikathom bhala parametri 1, 2, 3.

Illi din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa s-sottomissjonijiet tad-Difiza, ma sabet ebda raguni valida skond il-Ligi, li tippermettiha tvarja l-piena, dan il-ghaliex dan il-kaz non si tratta ta' piena kontemplata b'"suspended sentence" jew taht il-"probation act".

Illi ghaldaqstant il-Qorti fuq l-ammissjoni tal-imputat u in vista tal-ftehim fuq piena bejn il-partijiet, waqt li ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikli tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza Kap 10, Reg Erba' (4) u Tmienja (8) tar-Regoli 1939 (GW292/3) kif amendat mill-Kap 101, Artiklu 49, 50 tal-Kap 9, tikkundannah ghal disa' snin prigunerija, u tikkundannah ukoll ihallas multa ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------